tal-ittra uffiċjali numru 1022/2024, fl-ismijiet Jurgen Gauci vs Rodrick Azzopardi et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Rodrick Azzopardi u Tiziana Brincat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 14 ta' Marzu, 2024

Lil Rodrick Azzopardi (KI 515384M) ta' Block 47, Ignazia Apartments, Flat 1, Triq Ġużeppi Callus, Il-Mosta; u Tiziana Brincat. Block 47, Ignazia Apartments, Flat 1, Triq Ġużeppi Callus, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Jurgen Gauci (KI 94483M) ta' Flat 3, Terra dei Sogni, Triq Dun Nard Mallia, Iż-Żurrieq, jirreferikom għas-somma fi flus li ġiet mislufa lilkom fl-ammont ta' €10,000 u li nonostante diversi interpellazzjonijiet intom għadkom ma ħallastux lura s-somma mislufa,

Illi nhar it-8 ta' Awwissu, 2022, giet trasferita s-somma ta'€3,000 u dan permezz ta' trasferiment bankarju u kif ukoll ġew mgħoddija lilkom fi flus kontanti l-ammont ta' €7,000,

Illi intom qegħdin tiġu nterpellati sabiex fi żmien sebat (7) ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu lill-mittenti l-ammont ta' €10,000 kif sopra indikat.

F'każ li tibqgħu inadempjenti, il-mittenti mhux se jkollu alternattiva oħra ħlief li jipproċedi ġudizzjarjament fil-konfront tagħkom.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom sabiex jiġu evitati spejjeż inutili.

Bl-interessi u l-imgħax legali u spejjeż ta' din l-ittra uffiċjali.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Gauci vs Rodrick Azzopardi et, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Rodrick Azzopardi and Tiziana Brincat in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 14th March, 2024

To Rodrick Azzopardi (ID 515384M) of Block 47, Ignazia Apartments, Flat 1, Triq Ġużeppi Callus, Mosta; and Tiziana Brincat, Block 47, Ignazia Apartments, Flat 1, Triq Ġużeppi Callus, Mosta

By means of this present Jurgen Gauci (ID 94483M) of Flat 3, Terra dei Sogni, Triq Dun Nard Mallia, Żurrieq, he refers you to the sum of money that has been lent to you in the amount of €10,000 and that notwithstanding various solicitations you have not yet paid back the sum lent,

That on the 8th August, 2022, the sum of €3,000 was transferred and this by means of a bank transfer and also the amount of €7,000 was passed on to you in cash,

You are being solicited so that within seven (7) days from the service of this judicial letter you pay the interpellant the amount of €10,000 as above indicated.

In case you remain in default, the interpellant will have no alternative but to proceed judicially against you.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves so that useless costs are avoided.

With interest and legal interest and costs of this judicial letter.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1515

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1425/2023, fl-ismijiet Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Saviour Galea, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Saviour Galea (ID 403277M) ta' Il-

By means of a decree given on the 12th October 2023, in the records of the judicial letter number 1425/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Saviour Galea, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Saviour Galea (ID 403277M)

Ħannieqa, Sqaq ta' Kalambrej, Birżebbuġa u/jew 32, Triq il-Ħerba, Iż-Żejtun, fl-10 ta' Mejju, 2023, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra, inti tħallas is-somma ta' €3,712.70 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jiġi indirizzat lil Cashier Malta Government, Ministry for Health, u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Il-Ħannieqa, Sqaq ta' Kalambrej, Birżebbuġa and/or 32, Triq il-Ħerba, Żejtun, on the 10th May, 2023, the Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €3,712.70 representing overpayment done from Mater Dei Hospital. Any payment has to be addressed to the Cashier Malta Government, Ministry for Health, and sent/taken in the Finance Department of Mater Dei Hospital.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1516

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn dan il-Bord, fit-13 ta' Marzu, 2024, fuq talba ta' Francis Formosa et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Ruggier Company Limited fl-atti tar-rikors numru 67/2024JG fl-ismijiet Francis Formosa et vs Ruggier Company Limited u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Francis Formosa (KI 288668M) u John Formosa (KI 168072M), eredi tal-mejjet Carmelo Formosa (KI 744039M) u Nazareno Formosa (KI 811550M), Maria Gatt imwielda Formosa (KI 536843M), Lorenza Sciberras imwielda Formosa (KI 685649M), Francesca Sammut imwielda Formosa (KI 26258M) u John Formosa (KI 1065945M) ilkoll aħwa Formosa vs Ruggier Company Limited (C5256), fid-9 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Francis Formosa (KI 288668M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Board, on the 13th March, 2024, following a request of Francis Formosa et it was ordered that deputy curators be chosen to represent Ruggier Company Limited in the records of the Application 67/2024JG, in the names Francis Formosa et vs Ruggier Companyu Limited and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the Rent Regulation Board, in the names Francis Formosa (ID 288668M) and John Formosa (ID 168072M), heirs of the late Carmelo Formosa (ID 744039M) and Nazareno Formosa (ID 811550M), Maria Gatt née Formosa (ID 536843M), Lorenza Sciberras née Formosa (ID 685649M), Francesca Sammut née Formosa (ID 26258M) and John Formosa (ID 1065945M) all brothers and sisters Formosa vs Ruggier Company Limited (C-5256) filed on the 9th February 2024 the applicants Francis Formosa (ID 288668M) et requested so that this Honourable Board:

1. Jiddeċiedi t-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement jordna lis-soċejtà intimata Ruggier Company Ltd sabiex f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tiżgombra mill-ħanut, ġja garaxx bl-isem Ethnics fi Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid, kif ukoll il-garaxx fl-istess akkwati tal-ħanut iżda bla numru uffiċjali u bla isem fi Triq Toni Ellul, Paola u/jew tneħħi l-oġġetti kollha li jinsabu fl-istess żewġ fondi u dan salv għal kwalunkwe provvediment ieħor li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportuni fiċ-ċirkustanzi tal-fattispecje ta' dan il-każ, inkluż li r-rikorrenti iċaqalqu huma u jqiegħdu dawn l-istess effetti fi proprjetà oħra u dan dejjem a spejjeż tas-soċjetà intimata Ruggier Co. Ltd;

3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata Ruggier Company Ltd sabiex tħallas l-arretrati ta' kera dovuti fuq il-ħanut Ethnics fi Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid, ammontanti għal €16,750 dovuti għall-perjodu mill-1 ta' Mejju, 2023 sad-29 ta' Frar, 2024, kif ukoll fuq il-garaxx bla numru uffiċjali u bla isem li jinsab fi Triq Toni Ellul, Raħal Ġdid kantuiera ma' Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid, ammontanti għal €2,376 għall-perjodu mill-15 ta' Ottubru, 2023 sal-15 ta' Frar, 2024.

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi intavolat fl-ismijiet fuq premessi kontestwalment ma' dawn il-proċeduri u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li hija inġunta minn issa in subizzjoni.

Ir-rikors fl-ismijiet Francis Formosa et vs Ruggier Company Limited, Rikors numru 67/2024JG, jinsab differit għall-24 ta' Settembru, 2024, fl-1215 p.m.

Rikorrenti: 196, Carmen Flats, Flat 1, St Philip Street, Birżebbuġa

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgharraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti dan il-Bord jgħaddi biex jagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Bord.

1. Decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Consequently order the respondent company Ruggier Company Ltd so that within a short and peremptory period fixed by this Honourable Board and vacates the shop, garage with the name Ethnics in Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid, as well as the garage in the same area of the shop but without official number and without name in Triq Toni Ellul, Paola and/or remove all the objects found in the same two premises and this saving any other provision that this Honourable Board deems fit and opportune. in the circumstances of the facts of this case, including that the applicants move or put these same effects onto another property and this always at the expense of the respondent company Ruggier Co. Ltd;

3. Condemn the respondent company Ruggier Company Ltd to pay the rent arrears due on the shop Ethnics in Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid, amounting to €16,750 due for the period from the 1st May, 2023 till the 29th February, 2024, as well as on the garage without official number and unnamed situated in Triq Toni Ellul, Raħal Ġdid, corner with Vjal Sir Paul Boffa, Raħal Ġdid, amounting to €2,376 for the period from 15th October, 2023 to 15th February, 2024.

With all costs including those of the precautionary garnishee order which is being filed in the names above premised together with these procedures and with interest till the date of effective payment against the respondent company which is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

The application in the names Francis Formosa et vs Ruggier Company Limited, Application number 67/2024JG, has been postponed for hearing to the 24th September, 2024, at 12.15 p.m.

Applicant: 196, Carmen Flats, Flat 1, St Philip Street, Birżebbuġa

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Board will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in th execution of these banns, you are to inform forthwith this Board.

Mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Magistrat Joseph Gatt, LLD, Duttur tal-liġi.

Illum 25 ta' April, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Rent Regulation Board, above mentioned, with the witness of the Hon. Magistrate Joseph Gatt, LLD, Doctor of Laws.

Today 25th April, 2024

Registry of the Superior Courts, today 5th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1517

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Daniel Zahra et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lid-direttarji u/jew subdirettarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1228/2023 fl-ismijiet Daniel Zahra et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1228/2023 ta' Daniel Zahra (KI 139291M), Roderick Abela (KI 295786M) u Mandy Abela (KI 28487M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw id-direttarji u/jew subdirettarji, skont il-każ, mhux magħrufa tal-fond bin-numru 2, Triq l-Arkata Normanna, Ħal Tarxien, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-16 ta' Ġunju, 2023, fejn Daniel Zahra, Roderick Abela u Mandy Abela esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Katia Farrugia Cachia datata 28 ta' Marzu, 2023 (Dok. A), l-esponenti xtraw il-fond 2, Triq l-Arkata Normanna, Ħal Tarxien versu ċ-ċens annwu u perpetwu ta' €3.63 fis-sena;

Illi l-esponenti ma rriżultalhom minn imkien min huma s-sidien taċ-ċens oriġinali is-somma ta' €3.63 fis-sena;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom mill-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu ċ-ċens gravanti fuq dan l-immobbli;

Illi l-ammont ta' €3.63 fis-sena kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammontaw għal €72.60.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd June, 2023, following a request by Daniel Zahra et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners and/or sub direct owners in the records of the schedule of deposit number 1228/2023 in the names Daniel Zahra et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1228/2023 in the names of Daniel Zahra (ID 139291M), Roderick Abela (ID 295786M) and Mandy Abela (ID 28487M) vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners and/or sub direct owners of the premises number 2, Triq l-Arkata Normanna, Ħal Tarxien, filed in the First Hall of the Civil Court on the 16th June, 2023, the applicants Daniel Zahra, Roderick Abela and Mandy Abela respectfully submitted:

That by means of a contract of sale in the records of Notary Dr Katia Farrugia Cachia dated 28th March 2023 (Doc A), the applicants bought the premises 2, Triq l-Arkata Normanna, Ħal Tarxien, towards the annual and perpetual groundrent of €3.63 per year;

That to the applicants it does not reveal to them from anywhere who are the owners of the original groundrent in the amount of €3.63 per year;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the groundrent burdening this immovable;

That the amount of €3.63 per year capitalised at the rate of 5% amounts to €72.60.

Għaldaqstant, l-esponent qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-somma ta' €72.60 rappreżentanti l-prezz ta' fidi ta' dan iċ-ċens kif hawn fuq spjegat sabiex jigu liberament mogħtija lill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta. B'hekk spiċċat l-obbligazzjoni għall-ħlas taċ-ċens hawn fuq imsemmi.

Esponenti: Daniel Zahra, 90, Cherish, Triq F. M. Ferretti, Birżebbuġa

Roderick Abela, 56, Four Season, Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Ħal Tarxien

Mandy Abela, 56, Four Season, Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Ħal Tarxien

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku
Reġistratur tal-Artijiet, il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Ġunju, 2023
Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €72.60 representing the price of redemption of this groundrent as above explained to be freely given to the respondents after leaving the due receipt. Thus the obligation for the payment of the groundrent above mentioned ended.

Applicants: Daniel Zahra, 90 Cherish, Triq F. M. Ferretti, Birżebbuġa

Roderick Abela, 56, Four Season, Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Ħal Tarxien

Mandy Abela, 56, Four Season, Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Ħal Tarxien

Notification: Director Public Registry
Lands Registrar, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd June, 2023
Registry of the Superior Courts, today 5th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1518

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Darren Abdilla ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1157/2023 fl-ismijiet Darren Abdilla vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd June, 2023, following a request by Darren Abdilla it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the records of the schedule of deposit number 1157/2023 in the names Darren Abdilla vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1157/2023 ta' Darren Abdilla, business development manager, iben Vincent Abdilla u l-mejta Doris née Spiteri imwieled Ħ'Attard u residenti ż-Żejtun (KI 395079M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien taċ-ċens u s-subċens mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2023, fejn Darren Abdilla, business development manager, iben Vincent Abdilla u l-mejta Doris née Spiteri imwieled Ħ'Attard u residenti ż-Zejtun (KI 395079M), espona bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Vassallo Agius datat 5 ta' Mejju, 2004, anness u mmarkat bħala Dok. A, l-esponenti akkwista d-dar numru uffiċjali 53, qabel uffiċjalment numerat 26, Triq il-Knisja, Raħal Ġdid, kif jidher mill-pjanta annessa u mmarkata bħala Dok. B. Din il-proprjetà hija suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.82 li l-esponenti ma jafx lil min għandhom jitħallsu;

L-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu mill-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jifdi dan iċ-ċens annwu u perpetwu. L-esponenti jixtieq ukoll jipprevalixxi ruħu minn din iċ-ċedola sabiex jiddepożita l-arretrati taċ-ċens u lawdemju li jaf talvolta jkunu dovuti;

Minkejja r-riċerka notarili magħmul l-esponenti baqa' ma jafx biċ-ċert min huma d-direttarji li għandhom sehem miċ-ċens impost fuq il-fond surriferit. L-esponenti wkoll baqa' ma jafx biċ-ċert kemm kull direttarju għandu jieħu. Għal dan il-għan huwa qiegħed kontestwalment ma' din iċ-ċedola jippreżenta rikors b'talab għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru minflok is-sidien taċ-ċens hawn imsemmija li għadhom mhux magħrufa.

Iċ-ċens totali hawn fuq imsemmi kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għas-somma ta' €36.40.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħed jaddixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożita:

1. Fl-ewwel lok u sabiex jevita proċeduri żejda s-somma ta' €09.10 rappreżentanti l-arretrati taċ-ċens li talvolta jaf ikunu dovuti għall-aħħar ħames snin u kif ukoll is-somma ta' €01.82 rappreżentanti l-lawdemju li talvolta jaf ikun dovut sabiex jiġu liberament żbankati minn min għandu dritt għalihom wara li titħalla d-debita ricevuta skont il-liġi;

2. Fit-tieni lok s-somma ta' €36.40 rappreżentanti fidi taċ-ċens totali tal-proprjetà hawn fuq imsemmija, liema somma għandha tiġi liberament żbankata minn min għandu interess għaliha mal-prova tat-titolu tagħhom lir-Reġistratur tal-Qrati u wara li dawn iħallu d-debita ricevuta.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1278/2023 in the names of Darren Abdilla, business development manager, son of Vincent Abdilla and the late Doris née Spiteri born in Ħ'Attard and residing in Żejtun (ID 395079M) vs Deputy Curators to represent the unknown owners of the groundrent and subgroundrent, filed in the First Hall of the Civil Court on the 12th June, 2023, the applicant Darren Abdilla, business development manager, son of Vincent Abdilla and the late Doris née Spiteri born in Ħ'Attard and residing in Żejtun (ID 395079M), respectfully submitted:

That by means of a contract in the records of Notary Dr Joseph Vassallo Agius dated 5th May, 2004, attached and marked as Doc. A, the applicant acquired the house official number 53, before officially numbered 26, Triq il-Knisja, Raħal Ġdid, as shown in the attached plan and marked as Doc B. This property is subject to the annual and perpetual groundrent of €1.82 which the applicant does not know to whom they are to be paid;

The applicant wishes to avail himself of the right given to him by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta, to redeem this annual and perpetual groundrent. The applicant also wishes to avail himself by means of this schedule of deposit in order to deposit the arrears of groundrent and laudemium which may eventually be due;

Notwithstanding the notarial research carried out the interpellant does not know surely who are the direct owners who have a share of the groundrent imposed on the premises above mentioned. The applicant also does not know surely how much each owner should take. For this purpose together with this schedule of deposit is filing an application with a request for the appointment of deputy curators to appear instead of the owners of the groundrent herein mentioned who are not yet known.

The total groundrent above mentioned capitalised at the rate of 5% amounts to €36.40.

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing:

1. In the first place and in order to avoid proceedings, the sum of €09.10 representing the arrears of the groundrent that may eventually be due for the last five years as well as the sum of €01.82 representing the laudemium that may eventually be due in order to be freely withdrawn by who has the right to them after the due reciept according to law;

2. In the second place the sum of €36.40 representing redemption of the total groundrent of the property above mentioned, which sum is to be freely withdrawn by whoever has an interest in it upon proof of their title to the Registrar of Courts and after they leave the due receipt.

B'hekk spiċċat l-obbligazzjoni għall-ħlas taċ-ċens hawn fuq imsemmi.

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onda Building, Triq Aldo Moro, Il-Marsa MRS 9065

Reġistratur tal-Artijiet, 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 28 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus the obligation for the payment of the groundrent above mentioned ended.

Notification: Director Public Registry, Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa MRS 9065

Lands Registrar, 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd June, 2023

Registry of the Superior Courts, today 5th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1519

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 729/2023, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Joffrey Mallia, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joffrey Mallia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 .

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 2 ta' Marzu 2023

Lil Joffrey Mallia (KI 533382M) ta' 36, Cormorant, Triq Alofio Wignacourt, Il-Mosta MST 1855

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32,Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

By means of a decree of the 5th December, 2023, in the records of the judicial letter number 729/2023, in the names HSBC Bank Malta plc vs Joffrey Mallia, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joffrey Mallia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 2nd March 2023

To Joffrey Mallia (ID 533382M) of 36, Cormorant, Triq Alofio Wignacourt, Mosta MST 1855

By means of this present, HSBC Bank Malta plc (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €748.54 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €741.20 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €7.34 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sat-23 ta' Frar, 2023, fuq il-kont bin-numru 074-010059-050, liema somma hija encroachment fuq il-kont tat-tip Savings Account li ġiet debitament mogħtija lilek, mill-Bank mittenti u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mill-24 ta' Frar, 2023, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1201.24 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €15 bħala mgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sas-16 ta' Frar, 2023, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mis-17 ta' Frar, 2023, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dana in rifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Master Card bin-numru 5522009410259500, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmakom li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €748.54 representing as for the amount of €741.20 as capital and as for the amount of €7.34 as interest that accrued on the capital till the 23rd February, 2023, on the account number 074-010059-050, which amount is encroachment on the Savings Account facility that was duly given to you, by the interpellant Bank and accepted by byou, besides the interest from the 24th February 2023 till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effectie payment which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1201.24 as capital and as for the amount of €15 as interest that accrued on the capital till the 16th February, 2023, with administrative costs, besides the interest from the 17th February, 2023, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this as refund of the money to you given by means of Master Card facility number 5522009410259500, which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once besides legal interest with the rate of 8% per year till the date of effective payment.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'ċedola ta' depożitu ta' subċens temporanju ppreżentata mill-Avukat Dott. Anna Mallia (KI 592159M) fis-6 ta' Marzu, 2024, qed jiġi mitlub illi hija s-sid tal-appartament li jinsab f'Tigné Mansions, numru erbgħa u erbgħin (44), appartament numru wieħed (1) Qui-Si-Sana, Tas-Sliema, u tal-garaxx anness miegħu, liema garaxx jinsab innumerat tnax (12), fi Triq McIver, Tas-Sliema, u dan skont kuntratt tal-akkwist tal-15 ta' Mejju, 2019, in atti Nutar Dott. Margaret Heywood (kopja annessa maċ-ċedola Dok. A);

Illi l-istess Claire Xuereb pro et noe aċċettaw il-ħlas tal-lawdemju wara li sar dan it-trasferiment skont kif jirriżulta mill-annessa ittra u rċevuta maċ-ċedola Dok. B;

Illi l-istess Claire Xuereb pro et noe baqgħet taċċetta l-ħlas ta' dan is-subċens sas-sena 2021 skont kif jirriżulta mill-annessi riċevuti tas-snin 2019, 2020, u 2021 (Dok. C maċ-ċedola);

Illi dan iċ-ċens temporanju u mhux rivedibbli jammonta għal €10.41 għall-appartament u €4.17 għal garaxx, total ta' €14.58 pagabbli f'Ġunju ta' kull sena;

Illi mis-sena 2022 sal-lum, l-istess Claire Xuereb pro et noe ma hix taċċetta l-pagament ta' dan is-subċens temporanju u ċ-ċekkijiet mibgħuta lilha għal dan il-pagament hija baqgħet ma sarrfithomx;

Illi l-istess Claire Xuereb pro et noe, ma għandhiex raġuni valida fil-liġi għaliex ma taċċettax il-pagament ta' dan is-subċens temporanju anke għall-fatt li tali subċens huwa temporanju u jispiċċa meta jiddekorri t-terminu tiegħu;

Illi għalhekk l-esponenti ma għandha ebda triq oħra għajr li tiddepożita s-subċens temporanju għas-snin 2022 sas-sena 2026 fl-ammont ta' €14.58 kull sena li jammontaw għal €58.32 biex jiġi rtirat minn min għandu dritt għalihom skont il-liġi u dan permezz taċ-ċedola numru 708/2024 fl-ismijiet:

L-Avukat Dott. Anna Mallia (KI 592159M) vs Claire Xuereb personalment u għan-nom ta' ħutha isimhom mhux.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-Ġimgha, 5 ta' Lulju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By the decree of the 11th of June, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta), the Court ordered the publication of the extract appearing below to serve as notification in accordance with Article 187(3) of the Code of Civil Procedure and Organisation (Cap.12).

By the Schedule of deposit of temporary subground rent presented by Lawyer Dr Anna Mallia (ID 592159M) on the 6th of March, 2024, it is being requested that the tenant of the apartment located in Tigné Mansions, number forthy-four (44), apartment number one (1) Qui-Si-Sana, Tas-Sliema, and the garage annexed to it, which garage is numbered twelve (12), in Triq McIver, Tas-Sliema, and this as per the purchase contract dated the 15th of May, 2019, in the acts of Notary Dr Margaret Heywood (attached copy with schedule of deposit Doc. A);

That the same Claire Xuereb pro et noe accepted the payment of the laudemium after this transfer was made as resulting from the attached letter and receipt with schedule of deposit Doc. B;

That the same Claire Xuereb pro et noe continued accepting payment of this sub groundrent until the year 2021 as resulting from the attached receipts for the years 2019, 2020, and 2021 (Doc. C with schedule of deposit);

That this temporary and non-revisable groundrent amounts to €10.41 for the apartment and €4.17 for the garage, totaling €14.58 payable in June of each year;

That from the year 2022 until today, the same Claire Xuereb pro et noe is not accepting the payment of this temporary sub groundrent and the cheques sent to her for this payment have not been cashed;

That the same Claire Xuereb pro et noe, has no valid legal reason, for refusing to accept payment for this temporary sub groundrent, also for the fact that such sub groundrent is temporary and ends when it's term expires;

That therefore the applicant has no other way but to deposit the temporary sub groundrent for the years 2022 till the year 2026 in the amount of €14.58 each year totaling to €58.32 to be withdrawn by whoever is entitled to them according to the law and this through the Schedule of deposit number 708/2024 in the names:

'Lawyer Dr Anna Mallia (ID 592159M) vs Claire Xuereb personalment u għan-nom ta' ħutha isimhom mhux'.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Friday, the 5th of July, 2024

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1521

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 463/2024, fl-ismijiet Alberto Alfio Franco Petralia vs Massimo Fasanelli et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Massimo Fasanelli u Clyde Mallia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum l-1 ta' Frar, 2024

Lil Massimo Fasanelli, No. 4, Shik Flat 14, Triq Sant'Anna, Maraskala
Clyde Mallia, No. 95, Golden Gennet, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Ħal Għaxaq

Permezz tal-preżenti Alberto Alfio Franco Petralia (KI 231611L) residenti 28/1, Triq Bernardette, San Ġwann fil-kapaċità tiegħu ta' proprjetarju tal-vettura tal-għamla Toyota Vitz b'numru ta' registrazjoni JBT327 qed jagħmel referenza għall-ħsarat konsiderevoli li saru minnkom fuq din l-istess vettura fid-29 ta' Ġunju, 2022, meta din il-vettura insterqet minn San Ġwann u qed jinterpellakom sabiex intom tagħmlu tajjeb mhux biss għall-ħsarat li hemm fil-vettura imma għal kull telf ieħor monetarju li huwa sofra u sejjer isofri bħala konsegwenza tal-azzjonijiet u aġir tagħkom fid-data imsemmija.

Jekk intom tonqsu li tagħmlu tajjeb għal dak li qed jiġi mitlub minnkom, sejrin jittieħdu passi kontra tagħkom skont il-liġi mingħajr l-ebda preavviż ieħor.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 24th May, 2024, in the records of the judicial letter number 463/2024 in the names Alberto Alfio Franco Petralia vs Massimo Fasanelli et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Massimo Fasanelli and Clyde Mallia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 1st February, 2024

To Massimo Fasanelli, No 4, Shik Flat 14, Triq Sant'Anna, Marsaskala
Clyde Mallia, No. 95, Golden Gennet, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Ħal Għaxaq

By means of this present Alberto Alfio Franco Petralia (ID 231611L) of 28/1, Triq Bernardette, San Gwann in his capacity as owner of the vehicle of the make Toyota Vitz with registration number JBT327 he is referring to the considerable damages caused by you on the same vehicle on the 29th June, 2022, when this vehicle was stolen from San Ġwann and is calling upon you so that you make good not only the damages in the vehicle but also any other monetary loss he suffered and will suffer as a consequence of your actions and conduct on the said date.

If you fail to pay for what is being demanded of you, actions will be taken against you according to law without further notice.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 4th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1522

ARB/C035/2020 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' April, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni numru 466/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ARB/C035/2020 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

